MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 115/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Buttigieg)
Vs

Anna Rita sive Anita Camilleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-7.25 a.m. fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma' Triq il-Papa Piju XII, Hal-Balzan, saqet vettura AAN-528:

1) b'manjiera traskurata;
2) perikoluza;
3) naqset li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika "stop";
4) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajret lil Antonia Vassallo u

nvolontarjament ikkagunatilha offizi ta’ natura gravi, skond kif iccertifika Dr. Axiak M.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2002 li biha wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 u l-Artikolu 226 tal-Kap. 9 sabet lill-imputata hatja ta’ l-ewwel akkuza li hija assorbita fit-tielet w ikkundannata ghal multa ta’ LM100 u skwalifikata milli jkollha jew izzomm licenzja tas-sewqan ghal tmin tijiem filwaqt li lliberatha mit-tieni akkuza ghar-ragunijiet premessi.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 ta’ Gunju 2003, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn illiberat lill-esponenti mit-tieni akkuza, tirrevokaha fejn sabet lill-esponenti hatja tal-ewwel, tal-tielet u tar-raba’ akkuzi, tiddikjara t-tielet akkuza preskritta, tiddikjara lill-esponenti mhux hatja tal-akkuzi l-ohra dedotti kontriha, u tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx it-tielet akkuza preskritta; 2. ghax fuq l-iskorta ta’ provi kontradittorji w fl-isfond tal-ligijiet tat-traffiku l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lill-appellanti hatja u 3. ghaliex tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, u senjatament ir-responsabbilta’ tal-pedestrian, li l-Ewwel Qorti irriteniet li kienet kontributorja, l-piena inflitta kienet severa wisq;

Fliet l-atti kollha processwali nkluz id-depozizzjonijiet traskritti tax-xhieda ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :- Fil-15 ta’ Frar, 2002, ghall-habta tas-7.45am , l-appellanti kienet isuq il-car numru AAN 528 go Dr. J. Zammit Street, Balzan u giet biex iddur lejn il-lemin ghal go Pope Pius XII Street, fejn l-inkrocju hu forma ta’ skorfina minhabba l-

splay li hemm fil-kantuniera . Hekk kif qed iddur , investiet lil Antonia Vassallo li kienet fil-karreggjata, ghollietha b'kollox fuq il-bonnet u kif waqfet , Vassallo waqghet fl-art . Din giet rikoverata l-Isptar San Luqa , fejn irrizulta li kienet garrbet feriti ta' natura gravi.

Illi dwar l-ewwel aggravju u cioe' dak li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx it-tielet akkuza preskritta , jigi osservat li l-kontravvenzjoni kontemplata fir-reat ta' min jonqos li jieqaf fejn ikun hemm sinjal li jindika "STOP" allegatament giet kommessa fil-15 ta' Frar, 2002 mentri c-citazzjoni nharget biss fit-2 ta' Lulju, 2002 u ovvjament giet notifikata jew fl-istess data jew addirittura wara dik id-data. Illi ghalhekk hu ovvju li ghaddew aktar minn tlitt xhur bejn il-kommissjoni tal-allegat reat u n-notifika tac-citazzjoni w li allura din l-akkuza kienet preskritta a tenur tal-artikolu 688 (f) tal-Kap.9. Tant hu hekk li fil-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Lulju, 2002 quddiem l-Ewwel Qorti, gie registrat li t-tielet akkuza kienet preskritta , pero' dan ma regax gie imsemmi fis-sentenza appellata, x'aktarx bi zvista. Ghalhekk dan l-aggravju jidher ben fondat u qed jigi akkolt.

Illi dwar il-mertu tal-incident li jinvolvi l-ewwel u r-raba' imputazzjoni li qed isir appell dwarhom , dan hu appell bazat fuq l-apprezzament ta' provi traskritti u normalment il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti ghaliex , kif dejjem gie ritenut , l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Anthony Bonavia" [30.4.2003] u ohrajn.)

Illi l-appellanti qed issostni li l-incident stradali in kwistjoni ma garax tort taghha izda unikament tort tal-pedestrian , li

mhux biss ikkontribwiet ghall-incident izda kienet il-kawza unika tas-sinistru.

Illi gie ritenut “in subiecta materia” illi l-“pedstrian” ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam , certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam , Jekk il-“pedestrian” ikun negligenti pero’ , dan ma jassolvix lid-“driver” tal-car milli juza dak il-grad ta’ “reasonable care” li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-“pedestrian” krejata lid-“driver” , bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli , li rrendiet impossibbli , jew mhux ragonevolment possibbli , azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali ; “Il-Pulizija vs. J. Formosa, Vol. XLIII. P. IV p. 1023) F’sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. “meta jaqsam f’daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat” (App. Kriminali : “Il-Pulizija vs. J. thornton “ Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta “pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.” (App. Kriminali “Il-Pulizija vs. Cassar Desain” Vol. XLVI. P.IV. p765) .

Mill-banda l-ohra pero gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b’success id-difiza tas-“sudden emergency” meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali : “Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera” [13.12.1968] ). Dan ghaliex f’ kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn “self inflicted incapacity” effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f ’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor , ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta’ haddiehor . (App. Kriminali: “Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri” (16.3.1961) ; “Il-Pulizija vs. John Polidano “ (3.11.1963) ; “Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud” (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il-

“contributory negligence” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)

Issa f’dan il-kaz l-Ewwel Qorti li semghet ix-xhieda “viva voce” , ghalkemm ikkonkludiet li l-“pedestrian” Antonia Vassallo setghet ikkontribwiet ghall-incident bil-mod kif qasmet jew kienet fil-karreggjata, l-appellanti ukoll kellha tort ghal dak li gara ghax ghamlet dak li jissejjah “cutting the corner” u fi kliem l-Ewwel Qorti “qatghet ghad-dritt mal-kantuniera” . Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti li l-mod kif l-appellanti ghamlet ir-“right hand turn” gabha vicin tal-kantuniera tal-lemin aktar milli kien hemm bzonn u li setghet hadet il-liwja aktar fil-wisgha u b’hekk l-incident seta’ anki jigi sfjorat . Li sar hekk jirrizulta kemm mill-pozizzjoni tal-vettura tal-appellanti kif tidher fl-isketch , kif ukoll mill-ahhar battuti tax-xhieda traskritti tal-appellanti . Din il-manuvra poggiet lill-appellanti taht dik li tissejjah “self inflicted incapacity” li impedietha milli tara lill-vittma aktar qabel ma fil-fatt ratha biex umbaghad tkun tista’ tiehu l-“evasive action “ opportuna. Dan in-nuqqas kien ukoll jikkostitwixxi imprudenza fis-sewqan li jammonta ghal sewqan b’maniera traskurata, partikolarment meta wiehed iqis dak li jirrakkomanda il-manwal “The Highway Code” fil-paragrafu 127 meta jghid : “When turning at a road junction give way to pedestrians who are crossing.”

Stabilit li l-appellanti kienet imprudenti bil-mod kif esegwiet il-manuvra tar-“right hand turn” , tirrizulta kemm l-ewwel akkuza ta’sewqan traskurat kif ukoll ir-raba’ akkuza li b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni w b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tajjret lill-Antonia Vassallo w involontarjament ikkagunatilha offiza ta’ natura gravi , b’dan li l-ewwel akkuza ghall-fini tal-piena ghandha tigi assorbita fir-raba akkuza.

Illi l-Qorti thoss li ghall-precizjoni ghandha tosserva li fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-ewwel akkuza hija assorbita fit-tielet akkuza, fil-fatt riedet tghid li qed tigi asorbita fir-raba akkuza , u dana billi t-tielet akkuza hija dik ta’ natura kontravvenzjonali li giet u qed tigi dikjarata preskritta , mentri l-akkuza ta’ sewqan traskurat tigi assorbita fl-

akkuza ta’ l-ikkagunar ta’ ferita ta’ natura gravi involontarja ghax serviet bhala mezz ghall-fini biex gie kommess dan l-ahhar reat u mhux biex gie kommess ir-reat ta’ natura kontravvenzjonali fuq imsemmi li hu reat minuri ghal dak ta’ sewqan traskurat.

Illi ghall-fini tal-piena pero’ hu l-kaz li il-“contributory negligence” tal-“pedestrian riskontrata mill-Ewwel Qorti tittiehed in konsiderazzjoni. Invece fis-sentenza appellata l-appellanti giet kundannata ghall-maximum tal-multa li setghet tehel skond l-artikolu 15 (1) tal-Kap.65 u l-minimum tal-periodu tal-iskwalifika milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan u cioe’ periodu ta’ tmint ijiem. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti fil-waqt li ghandhu jkun hemm temperament fil-multa biex jirrifletti c-cirkostanza tal-kontributorjeta’ riskontrata mill-Ewwel Qorti , pero’ mhux il-kaz li l-periodu ta’ sospensjoni jitnaqqas aktar mill-minimu inflitt mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti mhux hatja tat-tieni akkuza ta’ sewqan b’manjiera perikoluza w fejn sabitha hatja tal-ewwel u tat-tielet akkuza u fejn ordnat li tkun skwalifikata milli jkollha jew izzomm licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem , u tirriformaha wkoll billi tiddikjara li r-raba’ akkuza hija preskritta u tirrevokaha fejn iddikjarat li l-ewwel akkuza hija assorbita fit-tielet akkuza u fejn ikkundannat lill-appellanti ghal multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) u minnflok tiddikjara li l-ewwel akkuza hija assorbita fir-raba’ akkuza w tikkundannaha ghall-multa ta’ sittin lira Maltin (LM60), b’dana ukoll li l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan tibda mil-lum f’nofs il-lejl .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------